MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2010

Appell Civili Numru. 1431/2001/2

**Ċitazzjoni numru 1431/2001**

**Michelle Shires u Tristam Shires, kif ukoll Maria Concetta *sive* Mari Shires**
***versus***
**Giovanna Bonello, Vincent u Antoinette konjuġi Bonello u Joseph Bonello; u b'dikriet tat-13 ta' Awissu 2002, wara l-mewt tal-konvenuta Giovanna Bonello, l-atti ġew trasfużi f'isem iż-żewġ werrieta Joseph Bonello u Vincent Bonello; u b'dikriet tat-18 ta' Diċembru 2002 l-Av. Anthony Cutajar u l-P.L. Hilda Ellul Mercer inħatru kuraturi deputati għal Maria**

**Concetta *sive* Mari Shires bħala werrieta wkoll tal-istess Giovanna Bonello**

1. Din is-sentenza hija dwar talba tal-atturi magħmula b'rikors tal-4 ta' Settembru 2009 għas-smigħ mill-ġdid tal-appell wara li titħassar is-sentenza mogħtija minn din il-qorti fid-9 ta' Ġunju 2009 għar-raġuni illi s-sentenza applikat il-liġi ħażina, fiha dispożizzjonijiet kontradittorji u kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti tal-kawża (art. 811(*e*), (*i*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili).

2. Il-fatti relevanti huma dawn: fil-15 ta' Lulju 1984 miet Edgar Bonello, żewġ il-konvenuta Giovanna Bonello u missier l-attriċi Maria Concetta Shires u l-konvenuti Vincent u Joseph Bonello. Edgar Bonello huwa wkoll in-nannu tal-atturi Michelle u Tristam Shires, li jiġu ulied l-attriċi Maria Concetta Shires. B'testment tas-6 ta' Mejju 1983 fl-atti tan-Nutar Angelo Vella, Edgar Bonello kien ħatar lill-konvenuti Joseph u Vincent Bonello bħala werrieta tiegħu, waqt illi b'diżeredazzjoni ċaħħad lill-attriċi Maria Concetta Shires mill-jedd għas-sehem riżervat.

3. Billi dehrilhom illi r-raġunijiet imsemmija fit-testment għad-diż-eredazzjoni ma kellhomx mis-sewwa, u illi, f'kull każ, is-sehem riżervat kellu jmiss lill-ulied tal-persuna diżeredata, l-atturi fetħu kawża fl-ismijiet Maria Concetta Shires *proprio et nomine versus* Vincent Bonello *et*[1] fejn talbu illi l-qorti tgħid illi d-diżeredazzjoni ma tiswiex, u għalhekk Maria Concetta Shires għandha jedd għas-sehem riżervat, u, subordinatament, jekk Maria Concetta Shires ma għandhiex jedd għal dak is-sehem, għandhom jedd għalih uliedha. Biex iħarsu din il-pretensjoni tagħhom l-atturi fil-15 ta' Diċembru 1986 kisbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni biex iżommu lill-konvenuti milli b'xi mod jaljenaw jew ineħħu l-beni fl-assi ereditarju ta' Edgar Bonello.

4. Minkejja dan – u minkejja wkoll il-fatt illi kemm il-komunjoni tal-akkwisti bejn Edgar u Giovanna Bonello kif ukoll l-assi ereditarju ta' Edgar Bonello ma kinux għadhom

[1] Ċitazzjoni numru 771/1986, maqtugħa mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Diċembru 2006.

ġew likwidati u diviżi – b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tat-8 ta' Lulju 1999 il-konvenuti Giovanna Bonello għan-nofs mhux maqsum u għall-użufrutt tan-nofs l-ieħor u Joseph Bonello għan-nuda proprjetà ta' sehem mhux maqsum minn erbgħa bigħu lill-konvenut Vincent Bonello l-ishma rispettivi tagħhom tal-utli dominju tal-*garage* bla numru, jismu *Lourdes*, fi Triq il-Karmnu, Birkirkara. B'kuntratt ieħor fl-atti tan-Nutar Joseph Brincat tat-22 ta' Frar 2001, il-konvenuta Giovanna Bonello tat b'donazzjoni (a) lill-konvenut Joseph Bonello in-nofs mhux maqsum u l-użufrutt tan-nofs l-ieħor tal-appartament numru 2 fil-korp numru 23, Triq Abate Rigord, l-Imsida, (b) lill-konvenut Vincent Bonello in-nofs mhux maqsum u l-użufrutt tan-nofs l-ieħor tad-dar jisimha *Mari*, numru 61, Dawret il-Ġżejjer, Buġibba, San Pawl il-Baħar, u (ċ) lill-konvenuti Joseph u Vincent Bonello flimkien in-nofs mhux maqsum u l-użufrutt tan-nofs l-ieħor tal-ħanut numru 36, Triq in-Naxxar, Birkirkara.

5. Billi jgħidu illi dawn l-aljenazzjonijiet ma jiswewx – kemm għax saru bi ksur ta' mandat ta' inibizzjoni u kemm għax l-oġġett tal-aljenazzjoni kienu beni komuni li kienu għadhom ma nqasmux – l-atturi talbu illi l-qorti, wara li (i) tgħid illi ż-żewġ kuntratti fuq imsemmija ma jiswewx, (ii) tordna li jitħassru u (iii) taħtar nutar biex jirċievi u jippubblika l-att ta' rexissjoni u kuraturi biex jidhru f'isem min ma jersaqx għall-pubblikazzjoni tal-att.

6. Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:

i. mhux minnu illi l-kuntratti huma *in toto* jew *in parte* nulli;

ii. f'kull każ, il-kuntratti ma humiex nulli *in toto* iżda biss għal dak is-sehem li jista' jmiss lill-atturi, u għalhekk it-talba attriċi kif magħmula ma tistax tintlaqa'; u

iii. il-ksur ta' mandat ta' inibizzjoni ma jwassalx għan-nullità tal-kuntratti.

7. B'sentenza mogħtija fil-5 ta' April 2006 il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti, ċaħdet l-ewwel tnejn u laqgħet it-talbiet tal-atturi, b'dan illi l-ispejjeż jinqasmu hekk: sehem minn tlieta (⅓) jħallsuh l-atturi u żewġ ishma minn tlieta (⅔) jħallsuhom il-konvenuti. Il-konsiderazzjonijiet li waslu lill-qorti għal dik il-konklużjoni huma mfissra hekk:

Il-kawżali huma tlieta, u *cioè* illi l-konvenuti kienu marbutin bl-ordni tal-qorti illi ma jbigħux jew jittrasferixxu l-proprjetà in kwistjoni, li l-wirt kien għadu ma nqasamx u għalhekk ma setax isir trasferiment, u t-tielet li l-attriċi jew uliedha għandhom dritt ta' leġittima li ma jistax jiġi preġudikat bit-trasferiment minħabba li din trid titħallas *in natura*. … … …

Fir-rigward tal-ewwel kawżali huwa minnu li l-konvenuti kienu jafu li kienu inibiti milli jittrasferixxu l-proprjetà. Dan allura jitfa' ħafna dell fuq l-atteġġjament tal-konvenuti meta saru dawn il-kuntratti … … …

Madankollu kif sewwa eċċepew il-konvenuti, il-ksur tal-ordni tal-qorti *per se* ma jwassalx għan-nullità tal-kuntratt għalkemm ċertament jindika element ta' *bad faith*. L-atturi għandhom raġun meta jindikaw l-artikolu 873(10) illi jgħid li meta ssir reġistrazzjoni ta' mandat ta' inibizzjoni kull trasferiment ikun null, iżda l-istess atturi ma ressqu ebda prova ta' din ir-reġistrazzjoni u straħu biss fuq il-prova li ħareġ il-mandat. Kif ġà ingħad dan ma hux biżżejjed u l-qorti ma tistax tippresumi illi din ir-reġistrazzjoni saret.

Għalhekk il-qorti ma tistax taċċetta din il-kawżali bħala suffiċjentement provata biex twassal għan-nullità.

Fir-rigward tal-qsim tal-wirt però din il-qorti kif preseduta ġà irrimarkat fil-kawża fl-ismijiet Maria Assunta Casha *vs* Joseph Mary Cutajar (deċiża parzjalment fit-18 ta' Ġunju 2004) illi l-werrieta ma jistgħux jittrasferixxu parti mill-wirt u *ċioè* jbigħu sehemhom minn xi proprjetà waħda mill-wirt qabel ma ssir il-likwidazzjoni jew qsim tal-wirt. Dan għaliex kif spjegat dik is-sentenza l-werrieta ma jistgħux minn qabel issir il-qasma jkunu jafu liema parti mill-wirt sejra tmiss lilhom. F'din is-sentenza l-qorti ibbażat ir-raġunament tagħha a bażi tal-artikolu 946 tal-Kapitolu 16 illi jghid illi "kull wieħed mill-werrieta hu magħdud suċċessur waħdu u dirett fil-beni kollha li jagħmlu s-sehem tiegħu, jew li mess lilu b'liċitazzjoni u jitqies li qatt ma kellu l-proprjetà tal-beni tal-wirt (ara ukoll is-sentenza tal-20 ta' Marzu, 2003 fl-ismijiet Ellul *vs* Cassar fejn il-qorti spjegat li diviżjoni parzjali ma tistax issir jekk mhux bi qbil bejn il-kondividenti kollha). Allura tali trasferiment ma jistax jippreġudika lill-werrieta l-oħra jew lill-benefiċjarji l-oħra tal-wirt sija dawk li jkunu bbenefikaw mit-testment jew mil-liġi stess skond il-każ.

F’dan il-każ l-atturi qegħdin jitolbu l-leġittima f’kawża separata li bdiet fl-1986 u għalhekk ċertament sakemm il-qorti ma tiddeċidix li tali leġittima ma teżistix it-trasferimenti in kwistjoni żgur ma jistgħux jippreġudikawlhom dan id-dritt kif ċertament isir jekk jibqgħu *in vigore*. Għandu jinghad, kif ser jiġi spjegat iktar ’il quddiem, li l-leġittimarju għandu dritt li jitħallas *in natura* u allura jekk issir diviżjoni parzjali wkoll għandu dritt ikun parti minnha.
Fir-rigward imbagħad tal-aħħar kawżali l-qorti wkoll tagħti raġun lill-atturi. Il-liġi taqsam il-ġid tad-disponenti f’żewġ partijiet, waħda disponibbli u l-ohra le. Il-parti mhux disponibbli tigi matematikament kalkolata a bażi tal-artikolu 616 u dawk li jsegwu. In vista ta’ dan l-ewwel ħaġa li għandha ssir hija l-likwidazzjoni sabiex ikunu jista’ jiġi aċċertat jekk id-*de cujus* bid-disposizzjoni ta’ xi legat eċċedix il-parti disponibbli tal-patrimonju. Għandu jingħad li l-leġgittima hija dovuta *in natura, in piena proprietà senza alcun peso od altra condizione*. Din toħloq problema f’ħafna każi għaliex tikkontrasta mad-dritt tat-testatur li jħalli l-legati lil min jixtieq għaliex fil-waqt li l-leġittimarju ma jistax jippretendi per eżempju li jinjora l-legati, u dawn għandhom jittiehdu biss in konsiderazzjoni biex tiġi kalkolata l-leġittima, is-suġġeriment li l-leġittima tiġi sodisfatta b’ammont likwidu flok *in natura* huwa kontra l-liġi, *molto pù`* meta ma jirriżultax il-kunsens tal-interessati kollha. Billi għalhekk f’dan il-każ it-trasferiment tal-immobbli formanti parti mill-wirt jista’ jippreġudika dan il-prinċipju għandu jiġi dikjarat null.
8. Il-konvenuti appellaw mis-sentenza u appellaw inċidentalment ukoll l-atturi dwar il-kap tal-ispejjeż. B’sentenza mogħtija minn din il-qorti fid-9 ta’ Ġunju 2009, l-appell inċidentali tal-atturi ġie dikjarat li ma jiswiex, għax ma sarx fiż-żmien li jagħti l-art. 144(1) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. L-appell tal-konvenuti iżda ntlaqa’, u din il-qorti, wara li ikkonfermat is-sentenza appellata safejn laqgħet it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuti, ħassritha fil-bqija, laqgħet l-ewwel eċċezzjoni u ċaħdet it-talbiet tal-atturi. Ir-raġunijiet li wasslu lill-qorti għal din il-konklużjoni ġew imfissra hekk:
26. L-ewwel qorti waslet għall-konklużjoni li l-kuntratti in kwistjoni ma humiex legalment validi in kwantu ta’

preġudizzju għall-atturi appellati jew min minnhom *qua* leġittimarji tal-mejjet Edgar Bonello.

… … …

29. Fis-sentenza appellata l-ewwel qorti ibbażat il-konklużjoni tagħha dwar in-nullità tat-trasferimenti effettwati bis-saħħa tal-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat rispettivament datati 8 ta' Lulju 1999 u 22 ta' Frar 2001 fuq il-konsiderazzjoni li l-werrieta ma jistgħux jittrasferixxu parti mill-wirt u *cioè* jbigħu sehemhom minn xi proprjetà waħda mill-wirt qabel ma ssir il-likwidazzjoni jew qsim tal-wirt.

30. Din il-konsiderazzjoni tal-ewwel qorti però hija, bid-dovut rigward, monka *ossia* inkompleta għaliex ma tiħux in debita konsiderazzjoni – għalkemm isir aċċenn għaliha fis-sentenza appellata – l-eċċezzjoni għall-imsemmi prinċipju ġenerali, *cioè* li diviżjoni parzjali tal-assi ereditarju tad-*de cujus* tista' ssehh validament kemm-il darba hemm il-kunsens tal-kondividenti kollha;  u lanqas ma tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li parti mit-trasferiment kien jinvolvi n-nofs indiviż *in piena proprietà* tal-beni personali ta' Giovanna Bonello derivanti mill-komunjoni tal-akkwisti li kienet teżisti bejnha u bejn żewġha Edgar Bonello.

31. Dawn il-punti ġew sollevati mill-konvenuti appellanti fl-ewwel u fit-tieni aggravji tal-appell taghhom u ġustament jikkritikaw is-sentenza tal-ewwel qorti għaliex fid-deċiżjoni tagħha ma ħaditx in konsiderazzjoni l-fatt li t-trasferiment ta' parti mill-assi ereditarju tal-mejjet Edgar Bonello seħħ bejnhom *qua* l-uniċi eredi tad-*de cujus* u ommhom *qua* użufruttwarja tal-assi ereditarju tal-mejjet, u li Giovanna Bonello kienet ukoll qiegħda tittrasferixxi proprjetà personali tagħha, fuq liema, f'dak iż-żmien, ħadd ħlief hi ma kellu dritt jiddetermina kif u favur min din tiġi disposta.

32. L-applikazzjoni korretta tal-liġi applikabbli *in materia* u senjatament tal-principju li d-diviżjoni parzjali tal-assi ereditarju tad-*de cujus* tista' sseħħ kemm-il darba hemm il-kunsens tal-kondividenti kollha, kellha twassal lill-ewwel qorti għall-konklużjoni li l-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat rispettivament datati 8 ta' Lulju 1999 u 22 ta' Frar 2001 ma humiex nulli iżda legalment validi.

33. Bid-deċiżjoni tagħha l-ewwel qorti erronejament addebitat lill-figura tal-leġittimarju l-pożizzjoni ta'

komproprjetarju flimkien mal-eredi tal-assi ereditarju tad-*de cujus*, u b'hekk erronejament irrikonoxxiet fil-leġittimarju d-dritt li jostakola u/jew jattakka l-validità ta' diviżjoni parzjali li sseħħ bil-kunsens tal-kondividenti kollha – pożizzjoni u konsegwenti dritt mhux rikonoxxuti u konċessi fis-sistema ġuridiku tagħna. Huwa prinċipju ġuridiku assodat fis-sistema taghna li "kontrarjament għal-leġislazzjonijiet oħrajn, fejn il-leġittima hi deskritta bħala kwota ta' eredità, jinghad espressament illi l-legittima hi porzjoni tal-beni tal-mejjet mogħtija mil-liġi lid-dixxendenti u, fin-nuqqas ta' dixxendenti, lill-axxendenti tal-mejjet … Billi fis-sistema tal-liġi tagħna l-leġittima mhijiex kwota ta' eredità, il-leġittimarju, kif ġie kemm-il darba deċiż … m huwiex eredi u ma jikkontinwax il-pussess tal-beni tal-mejjet. Il-leġittima bħala *pars bonorum* hi dovuta *in natura* u, bħala porzjoni tal-beni dovuta *in natura*, mhijiex merament oġġett ta' kreditu tal-leġittimarju kontra l-eredi … «*non consiste in credito*» kif jinghad fin-noti tal-Professur Giovanni Caruana. Intant fis-sentenza riportata fil-Vol. XXVII.I.451 intqal ukoll illi «*tra la quota di cui s'è disposto col testamento e la quota indisponibile non vi è comunione*» u in ġenerali jidher illi fil-ġurisprudenza tagħna l-figura tal-legittimarju ipprofilat ruħha bħala figura *a se*: la hu sempliċi kreditur u lanqas hu veru komproprjetarju"[2].

34. Kif korrettament osservat mill-konvenuti appellanti, il-komproprjetarji tal-assi ereditarju, u għalhekk il-persuni li l-kunsens tagħhom huwa meħtieġ għall-finijiet tal-validità tad-diviżjoni parzjali tal-assi ereditarju tad-*de cujus*, huma l-eredi u l-użufruttwarja tal-istess assi ereditarju li, fil-każ in ezami huma l-konvenuti appellanti Joseph u Vincent aħwa Bonello u ommhom Giovanna Bonello, illum mejta.

35. Billi kienu huma lkoll illi dehru fuq il-kuntratti fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Brincat datati 8 ta' Lulju 1999 u 22 ta' Frar 2001, id-diviżjoni parzjali tal-assi ereditarju ta' Edgar Bonello li seħħet b'effett tal-istess imsemmija kuntratti hija ġuridikament u legalment valida.

… … …

---

2 Concetta mart Salvatore Vella *et noe v.* Giuseppe Bugeja *et noe*, ċitazzjoni numru 10/44 deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Diċembru 1973.

39. Prinċipju ieħor li straħet fuqu l-ewwel qorti biex waslet għad-deċiżjoni tagħha li l-kuntratti meritu tal-kontestazzjoni huma nulli huwa li l-leġittima hija dovuta *in natura*, *in piena proprietà senza alcun peso od altra condizione*. Iżda din il-qorti hija tal-fehma li kuntrarjament għal dak ikkunsidrat mill-ewwel qorti, dan il-prinċipju fih innifsu ma jagħti l-ebda dritt lil-leġittimarju li jippretendi li l-leġittima spettanti lilu tkun sodisfatta b'determinata speċi ta' beni u b'hekk li jostakola jew jikkontesta d-diviżjoni parzjali tal-assi ereditarju li sseħħ bil-kunsens tal-kondividenti kollha.

… … …

41. Is-sustanza ta' dan il-prinċipju ġuridiku tirregola wkoll il-jeddijiet u pretensjonijiet tal-leġittimarju fil-konfront tal-eredi tal-mejjet għas-sodisfazzjoni tal-leġittima spettanti lilu, u għalhekk bl-istess mod il-leġittimarju ma għandux jedd jippretendi li l-leġittima spettanti lilu tiġi sodisfatta mill-eredi permezz ta' assi jew beni determinat. Konferma ta' dan il-prinċipju toħroġ mir-rimedju konċess lil-leġittimarju fl-eventwalità li l-eredi jittrasferixxu parti mill-assi ereditarju qabel ma tiġi likwidata u mħallsa l-leġittima spettanti lilu. F'tali eventwalità r-rimedju konċess lil-leġittimarju huwa li fir-riunjoni fittizja tal-assi ereditarju għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-leġittima, il-valur tal-ġid trasferit għandu jitqies bħala dak taż-żmien meta sejra tiġi likwidata l-leġittima u mhux dak taż-żmien tal-ftuħ tas-suċċessjoni.

9. B'rikors tal-4 ta' Settembru 2009 l-atturi talbu s-smigħ mill-ġdid tal-appell, wara li titħassar is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2009, għar-raġuni illi s-sentenza applikat il-liġi ħażina, fiha dispożizzjonijiet kontradittorji u kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti tal-kawża (art. 811(*e*), (*i*) u (*l*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Il-konvenuti wieġbu fit-8 ta' Ottubru 2009.

10. L-ewwel aggravju tal-atturi jolqot id-deċiżjoni dwar in-nullità tal-appell inċidentali, għax igħidu illi "l-eċċezzjoni ta' nullità qatt ma tqajmet", illi "l-ewwel darba li ssemmiet kienet fis-sentenza nfisha", u li "dan huwa punt li ma jistax jitqajjem *ex officio* mill-Qorti tal-Appell *stante* li ma huwiex wieħed mill-każijiet kontemplati mill-art. 789 tal-Kap. 12".

11. Il-qorti tifhem illi b'dan l-aggravju l-atturi qegħdin igħidu li fis-sentenza attakkata hemm applikazzjoni ħażina

tal-liġi għax il-qorti flok applikat l-art. 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili applikat xi disposizzjoni oħra tal-liġi. Biex sentenza titħassar minħabba applikazzjoni ħażina tal-liġi huwa meħtieġ illi "l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni"[3].

12. Fis-sentenza l-qorti applikat l-art. 144(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili dwar it-terminu biex issir it-tweġiba għal-rikors tal-appell u qalet espresament kemm illi dak it-terminu għandu jitħares ukoll meta fit-tweġiba jsir appell inċidentali taħt l-art. 240 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u kif ukoll illi "huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridiku tagħna li jekk ir-risposta għar-rikors tal-appell tiġi ppreżentata wara ż-żmien stabbilit mil-liġi, l-appell inċidentali magħmul b'dik ir-risposta huwa null u ineffikaċi", għax "l-osservanza tat-termini stabbiliti fil-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili u f'liġijiet oħra speċjali li jirregolaw il-kondotta tal-proċeduri quddiem il-qrati u quddiem it-tribunali huma ta' ordni pubbliku u ma jistgħu jiġu bl-ebda mod injorati u lanqas bil-kunsens tal-partijiet rinunzjati jew mibdula".

13. Barra minn hekk, l-art. 789 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jgħidx illi l-eċċezzjoni ta' nullità ta' proċedura għax mibdija b'att li daħal wara ż-żmien li tagħti l-liġi ma tistax titqajjem *ex officio*; li jgħid hu illi jista' jkun hemm rinunzja espressa jew taċita tal-eċċezzjoni ta' nullità meta dik in-nullità tkun ġejja minn "vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi". Fil-każ tallum, iżda, in-nullità tal-appell inċidentali ma hijiex ġejja minn vjolazzjoni tal-forma meħtieġa mil-liġi.

14. Dan l-ewwel aggravju huwa għalhekk miċħud.

15. Dwar il-meritu tal-appell tal-konvenuti l-atturi jressqu l-aggravju illi din il-qorti għamlet ħażin meta "iddikjarat li ma kinitx sejra tidħol fil-kwistjoni jekk it-trasferimenti in kwistjoni kinux qegħdin iledu dak li ġie ordnat fil-mandat ta' inibizzjoni u dan il-għaliex dehrilha li ħadd ma appella mid-deċiżjoni tal-qorti in prim'istanza li tali mandat ma ġiex reġistrat fir-Reġistru Pubbliku".

16. Dan in-nuqqas, igħidu l-atturi, "huwa żball ta' fatt li irriżulta mill-atti proċesswali kif ukoll żball ta' liġi",

[3] Art. 811 (*e*), Kod. Org. u Proċ. Ċiv.

mingħajr, iżda, ma jsemmu "l-liġi li kien imissha ġiet applikata", kif irid l-art. 816 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

17. Fil-fatt, iżda, dak li għamlet il-qorti la hu żball ta' fatt u lanqas żball ta' liġi. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza appellata kienet laqgħet l-eċċezzjoni tal-konvenuti li tgħid illi "l-ksur ta' mandat ta' inibizzjoni ma jwassalx għan-nullità tal-kuntratti" u ma sar ebda appell b'talba biex titħassar dik id-deċiżjoni. Fin-nuqqas ta' talba għat-tħassir tad-deċiżjoni li laqgħet l-eċċezzjoni, din il-qorti kienet tmur *extra petita* li kieku qieset talba li ma saritx.

18. Lanqas dan l-aggravju, għalhekk, ma jista' jintlaqa'.

19. Aggravju ieħor huwa illi "l-qorti interpretat iż-żewġ kuntratti in kwistjoni bħala diviżjonijiet parzjali, u diviżjoni parzjali hija possibbli dment li jkun hemm il-kunsens tal-werrieta kollha", meta "l-qorti ma setgħet qatt tasal għall-konklużjoni illi Giovanna Bonello kienet qiegħda tagħmel jew tagħti l-kunsens tagħha sabiex ikun hemm diviiżjoni parzjali u għalhekk f'dan ir-rigward kien hemm żball li jirriżulta mill-atti tal-proċess kif ukoll żball ta' liġi".

20. Il-kunsens ta' Giovanna Bonello jidher mill-fatt illi dehret fuq il-kuntratti. Ma saret ebda talba għal dikjarazzjoni li dak il-kunsens kien vizzzjat u għalhekk il-qorti kellha bilfors tqis dak il-kunsens bħala wieħed li jiswa. L-allegazzjoni li kien hemm żball ta' fatt jew ta' liġi (bla ma, għal darba oħra, tissemma l-liġi li kien imissha ġiet applikata) hija għalhekk ħażina u dan l-aggravju wkoll huwa miċħud.

21. L-aħħar aggravju huwa illi "fis-sentenza hemm anke kontradittorjetà billi f'parti waħda ssemmi illi leġittimarju għandu dritt jieħu s-sehem tiegħu tal-leġittima *in natura* iżda f'parti oħra tgħid l-oppost u li l-leġittimarju ma għandux jedd jippretendi li l-leġittima spettanti lilu tiġi sodisfatta mill-eredi permezz ta' assi jew beni determinat".

22. Qabel xejn għandu jingħad illi sentenza tista' titħassar taħt il-paragrafu (*i*) tal-art. 811 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jekk fiha "jkun hemm *disposizzjonijiet* kontra xulxin"; mhux biżżejjed għalhekk li jkun hemm argumenti, motivazzjonijiet jew raġunijiet kontra xulxin. Barra minn hekk, iżda, ma hemm xejn fis-sentenza li huwa kontradittorju. Li tagħmel is-sentenza hu li tfisser x'inhu (jew, aħjar, x'kien, għax il-lum il-liġi nbidlet)

il-jedd tal-leġittimarju li jieħu l-porzjoni riservata *in natura*: "dan il-prinċipju fih innifsu ma jagħti l-ebda dritt lil-leġittimarju li jippretendi li l-leġittima spettanti lilu tkun sodisfatta b'determinata speċi ta' beni u b'hekk li jostakola jew jikkontesta d-diviżjoni parzjali tal-assi ereditarju li sseħħ bil-kunsens tal-kondividenti kollha … … … għalhekk bl-istess mod il-leġittimarju ma għandux jedd jippretendi li l-leġittima spettanti lilu tiġi sodisfatta mill-eredi permezz ta' assi jew beni determinat".

23. Lanqs għal din ir-raġuni, għalhekk, ma għandha titħassar is-senttenza.

24. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad it-talba tal-atturi għat-tħassir tas-sentenza, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------